PARLAMENT TA' MALTA

IT-TLETTAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 348

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 21 tat-2 ta' Ottubru 2017 mill-Prim Ministru.

___

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,865, 19 ta' Settembru, 2017*
*Taqsima B*

**A.L. 243 tal-2017**

**ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)**

**Ordni tal-2017 dwar it-Twaqqif bħala Aġenzija tal-Istitut għall-Edukazzjoni**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(1) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dan l-Ordni hu l-Ordni tal-2017 dwar it-Twaqqif bħala Aġenzija tal-Istitut għall-Edukazzjoni.

Twaqqif tal-Aġenzija.

**2.** (1) Għandha titwaqqaf Aġenzija, li għandha sservi ta' pjattaforma għall-għarfien, twettieq u sostenn tal-politika tal-Gvern fejn għandu x'jaqsam mal-formazzjoni, il-kwalità u l-*istandards* li jippromwovu u jiżviluppaw it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità tal-gradi tal-edukaturi u tal-professjonisti fis-settur edukattiv u f'dimensjoni Ewropea u internazzjonali u sabiex jintlaħqu dawk kollha li huma u, jew li jistgħu jkunu involuti fl-oqsma tal-edukazzjoni u f'rabta mal-kuntest soċjo-ekonomiku.

(2) L-Aġenzija għandha tassumi r-responsabbiltajiet li qabel kienu vestiti fl-Istitut għall-Edukazzjoni, imwaqqaf permezz tal-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Istitut għall-Edukazzjoni, li qiegħed jiġi rikostitwit bis-saħħa ta' dan l-Ordni. L.S. 327.510.

(3) L-impjegati kollha li kienu qed iwettqu d-dmirijiet tagħhom, u kull uffiċjal pubbliku ieħor li bħalissa qed jaqdi dmirijietu, mal-Istitut għall-Edukazzjoni għandhom jitqiesu bħala impjegati tal-Aġenzija taħt l-istess termini u kondizzjonijiet li jkunu fis-seħħ fid-data tal-bidu tas-seħħ ta' dan l-Ordni u l-kuntratti ta' impjieg tagħhom ikomplu fis-seħħ daqs li kieku kienu ġew konklużi mal-Aġenzija.

(4) Uffiċjali pubbliċi assenjati mal-Aġenzija għandhom jitqiesu li huma assenjati mal-Aġenzija skont l-artikolu 43 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika. Kap. 497.

(5) L-Aġenzija għandha, mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dan l-Ordni, tassumi r-responsabbiltà tal-attiv, l-passiv u l-obbligi kollha li qabel kienu tal-entità li qiegħda tiġi rikostitwita.

Funzjonijiet u obbligi tal-Aġenzija.

**5.** (1) L-Aġenzija għandu jkollha l-funzjonijiet u d-dmirijiet li ġejjin:

(a) il-ħolqien ta' korsijiet tal-ogħla livell ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA



akkreditament fil-livelli varji tal-EQF għall-ħtiġijiet u l-interessi ta' dawk li jeżerċitaw professjoni fil-qasam tal-edukazzjoni u kull min hu involut fiha;

(b) tikkollabora mad-Dipartimenti tal-Edukazzjoni, Kulleġġi u skejjel u entitajiet u istituzzjonijiet oħra kemm governattivi kif ukoll privati, lokali u internazzjonali, fit-tifsil u t-twettieq ta' korsijiet ta' kwalità li jindirizzaw il-ħtiġiet professjonali kollha ta' min qiegħed fil-professjoni u ta' kull min hu involut fl-edukazzjoni;

(ċ) tipprovdi għall-formazzjoni, ħiliet, attitudnijiet u prattiċi professjonali u timplimenta attivitajiet konsistenti ma' jew bħala sostenn għall-politika tal-Gvern u oqfsa edukattivi;

(d) tagħti parir dwar kwistjonijiet, ħtiġiet u prattiċi b'referenza għall-programmi ta' taħriġ Ewropej u, jew internazzjonali u iżjed minn hekk skont il-ħtiġiet soċjo-ekonomiċi minn żmien għal żmien;

(e) bis-saħħa tar-riċerka, tikkjarifika, tifhem u twessa' l-aspetti varji ta' tmexxija edukattiva;

(f) tiżviluppa viżjoni awtonoma u ta' tmexxija għall-iskejjel;

(g) isservi bħala ċ-ċentru għal kull min hu involut fil-qasam edukattiv biex jiltaqgħu fih u jaqsmu flimkien esperjenzi komuni, sfidi u possibbiltajiet;

(h) trawwem għarfien serju, b'impenn reali tal-edukazzjoni f'sens aktar wiesa' u r-relazzjoni dijaltettika tagħha mal-ħajja;

(i) tinkoraġġixxi tmexxija edukazzjonali riflettiva li tkun konxja tal-kwalitajiet, possibbiltajiet, sfidi u limiti tagħha, personalment, soċjalment kif ukoll professjonalment, biex b'hekk issir tmexxija li trawwem il-fiduċja u t-tama;

(j) taġixxi bħala forum importanti għal diskussjonijiet dwar politika edukattiva;

(k) twettaq kull funzjoni oħra li hija relatata ma' jew anċillari għal dan ta' hawn fuq.

(2) L-Aġenzija għandha tissorvelja fuq it-twettiq ta' dan l-Ordni, u meta jkun meħtieġ, fuq talba tal-Ministru jew xort'oħra, tippreżenta proposti biex dan l-Ordni jiġi rivedut.

**4.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Istitut għall-Edukazzjoni għandu jkun il-Ministru responsabbli għall-edukazzjoni.

Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(2) Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni għandu jissorvelja fuq l-Istitut skont it-termini tal-artikolu 39 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika:

Kap. 497.

Iżda s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-edukazzjoni jista' jigi assistit f'dik superviżjoni minn Segretarju Permanenti ieħor skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 13(5) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika:

Kap. 497.

Iżda wkoll jekk Ministru, minbarra l-Prim Ministru, jassumi r-responsabbiltà tal-Aġenzija, is-superviżjoni fuqha taqa' taħt is-Segretarju Permanenti ta' dak il-Ministeru.

**5.** L-Aġenzija għandha tiġi amministrata skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Finanzjarja u l-Verifika kemm-il darba ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-Ftehim tal-Aġenzija bejn is-Segretarju Permanenti u l-Istitut għall-Edukazzjoni, f'liema każ id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim tal-Aġenzija għandhom jingħataw preċedenza.

Arranġamenti finanzjarji. Kap. 174.

**6.** L-operat tal-Aġenzija għandu jkun skont il-Ftehim tal-Aġenzija li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Istitut għall-Edukazzjoni.

Arranġamenti speċjali oħra li japplikaw għall-Aġenzija.

**7.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-Aġenzija jista' jwaqqaf bord konsultattiv sabiex jassisti lill-Uffiċjal Eżekuttiv Prinċipali fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu.

Bord Konsultattiv.

(2) Bord konsultattiv imwaqqaf skont dan l-artikolu għandu jkun jikkonsisti minn mhux inqas minn żewġ membri u mhux iktar minn erba' membri li jinħatru mill-Ministru responsabbli għall-Aġenzija.

(3) Ir-rimunerazzjoni mħallsa lill-membri tal-Bord Konsultattiv tal-Aġenzija għandha tkun skont kull direttiva u linji gwida li jistgħu jinħarġu mill-Aġenzija minn żmien għal żmien.

**8.** L-Ordni dwar it-Twaqqif tal-Istitut għall-Edukazzjoni hu b'dan revokat b'effett mill-1 ta' Awwissu, 2017, mingħajr ħsara għal dak kollu li sar jew li naqas milli jsir taħtu.

Jirrevoka. L.S. 327.510

**9.** Fir-Raba' Skeda li tinsab mal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, minnufih wara l-partita "Ċentru Nazzjonali għal *Aerospace*" għandu jiżdied dan li ġej:

Emenda tal-Att dwar l-Amministraz-zjoni Pubblika. Kap. 497.

| Aġenzija | Funzjoni tal-Aġenzija |
|---|---|
| "Istitut għall-Edukazzjoni | Sabiex iservi ta' pjattaforma għall-għarfien, twettieq u sostenn tal-politika tal-Gvern fejn għandu x'jaqsam mal-formazzjoni, il-kwalità u l-i*standards* li jippromwovu u jiżviluppaw it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità tal-gradi tal-edukaturi u tal-professjonisti fis-settur edukattiv u f'dimensjoni Ewropea u internazzjonali u sabiex jintlaħqu dawk kollha li huma u, jew li jistgħu jkunu involuti fl-oqsma tal-edukazzjoni u f'rabta mal-kuntest soċjo-ekonomiku.". |

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 243 of 2017**

**PUBLIC ADMINISTRATION ACT
(CAP. 497)**

**Institute for Education Agency (Establishment) Order, 2017**

IN exercise of the powers conferred by article 36(1) of the Public Administration Act, the Prime Minister has made the following Order:-

**1.** The title of this Order is the Institute for Education (Establishment) Order, 2017. Citation.

**2.** (1) There shall be an Agency, to be known as the Institute for Education, which shall serve as a platform to ascertain, implement and support Government policy where it concerns the formation, quality and standards that promote and develop training and the building of skills within the grades of educators and professionals in the education sector and within European and international dimensions and to reach all those who are and, or may become involved in the education sectors and within a socio-economic context. Establishment of the Agency.

(2) The Agency shall assume the responsibilities previously vested in the Institute for Education, established by means of the Institute for Education (Establishment) Order, which is being reconstituted by virtue of this Order. S.L. 327.510

(3) All employees previously performing duties with, and any other public officers currently deployed with, the Institute for Education within the Ministry of Education shall be regarded as employees of the Agency under the same terms and conditions prevailing at the date of coming into force of this Order and their employment contracts shall continue in force as if they were entered into by the Agency.

(4) Public officers deployed with the Agency shall be deemed to be detailed with the Agency in accordance with article 43 of the Public Administration Act. Cap. 497.

(5) The Agency shall, as from the coming into force of this Order, assume responsibility for all assets, liabilities and obligations previously entered into by the entity which is being reconstituted.

VERŻJONI ELETTRONIKA



Functions and duties of the Agency.

**3.** (1) The functions and duties of the Agency shall be to:

(a) create high level accredited courses at various EQF levels for the needs and interests of education practitioners and stakeholders;

(b) collaborate with Education Departments, Colleges and schools and other entities and institutions whether government or private, local or international, in designing and providing quality courses that cater for all the professional needs of education practitioners and stakeholders;

(c) provide professional formation, skills, attitudes and practices and implement activities consistent with or in support of the Government policies and educational frameworks;

(d) provide advice in relation to issues, needs and practices with reference to European and, or international training programmes and furthermore in relation to the socio-economic needs from time to time;

(e) through research, to clarify, understand and widen the various aspects of educational leadership;

(f) develop a leadership and autonomous vision for schools;

(g) create a learning community act for educators to meet and share common experiences, challenges and possibilities;

(h) nurture a meaningful, truly engaging awareness of education in a wider sense and its dialectal relationship with life;

(i) encourage reflective educational leadership that is aware of its qualities, possibilities, challenges and limits, personally, socially, and professionally, hence becoming a leadership that nurtures trust and hope;

(j) act as a meaningful forum for educational policy discussions;

(k) carry out any other function which is related to or ancillary to the above.

(2) The Agency shall keep under review the workings of this Order, and where deemed required, at the request of the Minister or

VERŻJONI ELETTRONIKA



otherwise, submit proposals for the Order's review.

**4.** (1) The Minister responsible for the Institute for Education shall be the Minister responsible for education. Minister responsible for Agency.

(2) The Permanent Secretary in the Ministry responsible for education shall supervise the Agency in terms of article 39 of the Public Administration Act: Cap. 497.

Provided that the Permanent Secretary in the Ministry responsible for education may be assisted in such supervision by another Permanent Secretary in accordance with the proviso to article 13(5) of the Public Administration Act: Cap. 497.

Provided further that if a Minister, other than the Prime Minister, assumes responsibility for the Agency, its supervision shall fall under the Permanent Secretary of that Ministry.

**5.** The Agency shall be governed by the provisions of the Financial Administration and Audit Act unless otherwise stated in the Agency Agreement between the Permanent Secretary and the Institute for Education, in which case the provisions of the Agency Agreement shall prevail. Financial arrangements. Cap. 174.

**6.** The operations of the Agency shall follow an Agency Agreement which is to be agreed between the Permanent Secretary and the Institute for Education. Other special arrangements applying to the Agency.

**7.** (1) The Minister responsible for the Agency may establish an advisory board to assist the Chief Executive Officer in the discharge of his duties. Advisory Board.

(2) An advisory board established under this article shall consist of not less than two and not more than four members appointed by the Minister responsible for the Agency.

(3) The remuneration paid to members of the Agency's Advisory Board shall be in accordance with any directives and guidelines which may be issued by the Agency from time to time.

**8.** The Institute for Education (Establishment) Order, is hereby revoked with effect from the 1st August, 2017, without prejudice to anything done or omitted to be done thereunder. Revokes S.L. 327.510.

**9.** In the Fourth Schedule to the Public Administration Act, immediately after the item "Identity Malta Agency" there shall be added the following: Amendment the Public Administration Act. Cap. 497.

VERŻJONI ELETTRONIKA



| Agency | Function of the Agency |
| --- | --- |
| "Institute for Education | To serve as a platform to ascertain, implement and support Government policy where it concerns the formation, quality and standards that promote and develop training and the building of skills within the grades of educators and professionals in the education sector and within European and international dimensions and to reach all those who are and, or may become involved in the education sectors and within a socio-economic context.". |

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC — *Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***
**Prezz/*Price***
**€0.36**